MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2013

Numru 12/2010

Att ta’ Akkuza numru 12/2010

Ir-Repubblika ta’ Malta

kontra

Robert Cilia
Pauline Ruth Cilia

Illum 18 ta’ Novembru, 2013,

Il-Qorti,

Rat l-att tal-akkuza numru 12 tas-sena 2010 migjuba kontra l-akkuzati Robert Cilia u Pauline Ruth Cilia detenturi tal-karta tal-identita bin-numru 502976M u 267969M rispettivament li bih huma gew akkuzat talli:
Fejn fl-ewwel Kap l-Avukat Generali ppremetta illi:
Illi fil- hamsa u ghoxrin (25) ta` Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u matul l-ahhar gimghat qabel din id-data

ROBERT CILIA u PAULINE RUTH CILIA iddecidew xjentement u illegalment li jassocjaw ruhhom ma` persuna jew persuni f`Malta jew barra minn Malta sabiex ibieghu jew jitraffikaw il-medicina psikotropika u ristretta *1-(3-Chlorophenyl)piperazine (*MCCP).

Illi xi jiem qabel il- 25 ta` Mejju 2008, l-akkuzat ROBERT CILIA akkwista minghand wiehed Olandiz ammont sostanzjali ta` pilloli kontenenti s-sustanza illegali MCCP. ROBERT CILIA gharraf lil mara tieghu PAULINE RUTH CILIA u lil certu Jeffrey Zammit b`dan l-ammont ta` pilloli kontenenti l-MCCP li kien xtarha u flimkien iddecidew li jittraffikaw jew ibieghu dawn il-pilloli lil terzi persuni u dan biex jaghmlu profit mill-bejgh taghhom.

Illi infatti skond dan il-ghan kriminuz, fil- 25 ta` Mejju 2008, iz-zewg akkuzati ROBERT CILIA u PAULINE RUTH CILIA fthemu li jiltaqghu ma` Jeffrey Zammit gewwa l- Marsa u permezz tal-vettura Fiat Uno (numru ta` registrazzjoni IAZ 821) registrata fuq l-akkuzata PAULINE RUTH CILIA dawn saqu lejn in-Naxxar bl-intenzjoni li jbieghu jew li jittraffikaw dawn il-pilloli lil terzi persuni. Fortunatament dan il-pjan gie mifxul mill-Pulizija li waqfu l-vettura li kienet ipparkjata f`parkegg fin-Naxxar u saret tfittxija kemm fil-vettura kif ukoll fuq il-persuni li kien hemm abbord u cioe` ROBERT CILIA, PAULINE RUTH CILIA u Jeffrey Zammit. Fil-fatt fuq il-persuna ta` ROBERT CILIA instabet borza mimlija b`elf (1,000) pillola ecstasy kontenenti is-sustanza psikotropika *1-(3-Chlorophenyl)piperazine (*MCCP). Din il-medicina psikotropika kienet intiza li tigi traffikata jew mibjugha lil terzi skond il-ftehim originali bejn l-akkuzati.

Id-droga MCCP hija medicina psikotropika u ristretta msemmija fit-Tielet Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x’Jaqsmu Maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi b’ghemilhom, l-imsemmija ROBERT CILIA u PAULINE RUTH CILIA saru hatja talli assocjaw ruhhom ma’ xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta sabiex ibieghu jew jittraffikaw il- medicina MCCP f’Malta, kontra d-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-

Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organiżżaw jew iffinanzjaw din l-assoċazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmija ROBERT CILIA u PAULINE RUTH CILIA ħatja talli assoċjaw ruħhom ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex ibiegħu jew jittraffikaw il- medicina MCCP f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta` l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha, jew ippromovew, ikkostitwixxew, organiżżaw jew iffinanżjaw din l-assoċazzjoni; jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi jiġu kkundannati għal piena ta' prġunerija għal għomorhom u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(f), 120A(1A), 120A(2)(a)(i),(2A),(2B) u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31) u l-artikoli 22A, 22B, 22E, 27, 28 u 30 tal-Ordinanża dwar il-Mediċina Perikoluża (Kapitolu 101) u l-artikoli 17, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużati.

Fejn fit-tieni Kap l-Avukat Generali ppremetta illi:
Illi fl-istess zmien u ċirkostanzi kif imsemmija fl-ewwel Kap ta' dan l-Att tal-Akkuża u cioe` fil- hamsa u ghoxrin (25) jum ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008), ROBERT CILIA u PAULINE RUTH CILIA in eżekuzzjoni tal-assoċjazzjoni ta' bejnhom u certu Jeffrey Zammit marru in-Naxxar bl-iskop li jbieghu jew jittraffikaw elf (1,000) pillola kontenenti s-sustanza psikotropika u ristretta *1-(3-Chlorophenyl)piperazine (*MCCP) lil terzi. L-akkuzati offrew li jbieghu dawn il-pilloli kontenenti l-medicina psikotropika MCCP lill-terzi persuni ghal-skopijiet ta` lukru.

Fortunatament il-Pulizija mill-Iskwarda ta` kontra d-Droga intervjenew sabiex dan it-traffikar ta` droga jigi evitat. Fil-

fatt il-Pulzija waqfu l-vettura numru ta` registrazzjoni IAZ 821 li kienet ipparkjata f`parkegg fin-Naxxar u saret tfittxija kemm fil-vettura kif ukoll fuq il-persuni li kien hemm abbord u cioe` ROBERT CILIA, PAULINE RUTH CILIA u Jeffrey Zammit. Fil-fatt fuq il-persuna ta` ROBERT CILIA instabet borza mimlija b`elf (1,000) pillola kontenenti is-sustanza psikotropika u ristretta *1-(3-Chlorophenyl)piperazine (*MCCP). Din il-medicina psikotropika kienet intiza li tigi traffikata jew mibjugha lil terzi.

Id-droga MCCP hija medicina psikotropika u ristretta msemmija fit-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi b'għemilhom, l-imsemmija ROBERT CILIA u PAULINE CILIA saru ħatja talli biegħu jew offrew li jbiegħu, jittraffikaw jew offrew li jittraffikaw l-medicina psikotropika u ristretta *1-(3-Chlorophenyl)piperazine (*MCCP), li hija kkontrollata u ristretta bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmija ROBERT CILIA u PAULINE RUTH CILIA ħatja li biegħu jew offrew li jbiegħu, ittraffikaw jew offrew li jittraffikaw l-medicina psikotropika *1-(3-Chlorophenyl)piperazine (*MCCP), li hija kkontrollata u ristretta bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supratendent tas-Saħħa Pubblika. Jitlob illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi jiġu kkundannati għal piena ta' priġunerija għal għomor u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500), u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur

il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli jew immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(1B) (2)(a)(i) (2A) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, u fl-Avvizi Legali 22/85 [regolament 10(2)], 70/88 u 183/99, u fl-artikoli 17, 20, 22, 23, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzati.

Fejn fit-tielet Kap l-Avukat Generali ppremetta illi:
Illi fiz-zmien u fic-cirkostanzi indikati fl-ewwel kap ta’ dan l-att ta’ l-akkuza, u cioè fil-25 ta’ Mejju 2008 il-Pulizija waqfu l-vettura bin-numru ta` registrazzjoni IAZ 821 li kienet ipparkjata f`parkegg fin-Naxxar u saret tfittxija kemm fil-vettura kif ukoll fuq il-persuni li kien hemm abbord u cioe` ROBERT CILIA, PAULINE RUTH CILIA u Jeffrey Zammit. Fil-fatt fuq il-persuna ta` ROBERT CILIA instabet borza mimlija b`elf (1,000) pillola kontenenti is-sustanza psikotropika u ristretta *1-(3-Chlorophenyl)piperazine (*MCCP). Iz-zewg akkuzati kienu fil-pussess ta` din id-droga illegalment u xjentement intiza biex tigi traffikata jew mibjugha lil terzi. Fil-kors ta` din l-investagazzjoni il-Pulizija ghamlu tfittxija fir-residenza taz –zewg akkuzati u cioe` gewwa The House 44, Triq Francesco Buhagiar, Qrendi u hemm hekk instabu fost affarijiet ohra, tmienja u tletin (38) pillola ohra kontenenti is-sustanza MCCP. Ghalhekk b`kollox iz-zewg akkuzati kienu fil-pussess xjenti ta` elf tmienja u tletin(1,038) pillola liema ammont juri illi d-droga ma kienetx għall-użu esklussiv taghhom. Dan l-ammont ta` droga ghandu street value ta` kwazi ghaxar t`elef ewro (9990 ewro).

Id-droga MCCP hija medicina psikotropika u ristretta msemmija fit-Tielet Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x’Jaqsmu Maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi b’għemilhom, l-imsemmija ROBERT CILIA u PAULINE RUTH CILIA saru ħatja talli kellhom fil-pussess taghhom il-mediċina psikotropika *1-(3-Chlorophenyl)piperazine (*MCCP) li huma kkontrollati u ristretti bil-liġi taħt it-Tielet

Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supratendent tas-Saħħa Pubblika; u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu eskluzziv taghhom.
Għaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuża lill-imsemmija ROBERT CILIA u PAULINE RUTH CILIA ħatja talli kellhom fil-pussess taghhom il-mediċina psikotropika *1-(3-Chlorophenyl)piperazine (*MCCP) li huma kkontrollati u ristretti bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika; u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu eskluzziv taghhom;
Jitlob illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużati u illi jiġu kkundanati għall-piena ta' priġunerija għall-għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli jew immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 40A, 120A(1)(a),(2),(2)(a)(i),(2A),(2B) u 121A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), ir-regolamenti 2 u 3(1) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avviż Legali 22 ta' l-1985), l-Avvizi legali 77 ta' l-1988 u 183 ta' l-1999 u fl-artikoli 17, 20, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata ħhall-ħtija ta' l-imsemmi akkużati.

Fejn fir-raba' Kap l-Avukat Generali ppremetta illi:
Illi fiz-zmien u fic-cirkostanzi indikati fit-tieni kap ta' dan l-att ta' l-akkuza, u cioè fil-25 ta' Mejju 2008 il-Pulizija ghamlet tfittxija fir-residenza ta` ROBERT CILIA u PAULINE RUTH CILIA u cioe` gewwa The House 44, Triq Francesco Buhagiar, Qrendi u fost affarijiet ohra sabu

ammont zghir ta` droga kokajina (0.07 grammi). L-akkuzati kienu fil-pussess xjenti ta` din id-droga kokajina illegalment.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Illi b'eghmilhom, l-imsemmija ROBERT CILIA u PAULINE RUTH CILIA saru hatja talli kellhom fil-pussess taghhom d-droga kokajina li ghaliha tapplika it-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess taghu u dik id-dorga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmija ROBERT CILIA u PAULINE RUTH CILIA hatja talli kellhom fil-pussess taghhom d-droga kokajina li ghaliha tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija.

Jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzati u li huwa jigu kkundannati ghall-piena ta' prigunerija ta'

mhux inqas minn tnax-il-xahar izda mhux izjed min ghaxar snin u multa ta’ mhux inqas minn mitejn lira Maltija izda mhux aktar minn ghaxar telef lira Maltija u l-konfiska ta’ l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 20,22(1)(a)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzati.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-rikors konguntiv tal-Avukat Generali u tal-akkuzati pprezentat fil-11 ta’ Novembru, 2013 fejn iddikjaraw li qeghdin jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, talbu lil din il-Qorti illi fl-eventwalita’ li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzati Robert Cilia u Pauline Ruth Cilia ghall-akkuzi migjuba kontrihom skond l-Att ta’ Akkuza fl-ismijiet fuq premessi, il-piena li ghanha tigi nflitta fuq kull wiehed u wahda minnhom minn din l-Onorabbli Qorti ghandha tkun wahda ta’ prigunerija effettiva ghal perjodu ta’ sitt (6) snin, flimkien ma’ multa ta’ tlieta u ghoxrin elf Euro (€23,000), u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta’ htija ai termini tal-Kapitoli 9, 31 u 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, inkluz il-konfiska ta’ kwalunkwe flejjes u tal-propjeta’ mobbli u mmobbli appartenenti lill-istess akkuzati.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzati, mistoqsija jekk humiex hatja skond l-Att tal-Akkuza, wiegebu billi stqarru li huma hatja tar-reati hemm dedotti kontra taghhom;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzati b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-twegiba w taghthom ftit taz-zmien biex jergghu lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-akkuzati baqghu itennu t-twegiba li huma hatja.

Ghaldaqstant, tiddikjara lil akkuzat Robert Cilia u Pauline Ruth Cilia hatja talli:
1. Fil-25 ta' Mejju, 2008, u matul l-ahhar gimghat qabel din id-data, assoċjaw ruħhom ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex ibiegħu jew jittraffikaw il- medicina MCCP f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta` l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha, jew ippromovew, ikkostitwixxew, organiżżaw jew iffinanżjaw din l-assoċazzjoni;

2. Fil-25 ta' Mejju, 2008, biegħu jew offrew li jbiegħu, ittraffikaw jew offrew li jittraffikaw l-medicina psikotropika *1-(3-Chlorophenyl)piperazine (*MCCP), li hija kkontrollata u ristretta bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supratendent tas-Saħħa Pubblika.

3. Fil-25 ta' Mejju, 2008, kellhom fil-pussess taghhom il-mediċina psikotropika *1-(3-Chlorophenyl)piperazine (*MCCP) li huma kkontrollati u ristretti bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, Parti A, tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika; u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu eskluzziv taghhom;

4. Fil-25 ta' Mejju, 2008, kellhom fil-pussess taghhom d-droga kokajina li ghaliha tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-

uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija.

Ikkonsidrat;

Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero' ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-prezentata b'arrest tal-hatja, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tghamel ammissjoni bikrija senjatament "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa"** [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (Blackstone Press Limited 2001 edit) ;

Din il-Qorti thoss li f' dan il-kaz partikolari ghandha taderixxi ghat-talba konguntiva maghmula skond l-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli:
40A, 120A(1)(a) (1B) (f), 120A(1A), 120A(2)(a)(i),(2A),(2B) u 121A(1)(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'Jaqsmu Magħha Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u ir-regolamenti 2, 3(1) u 10(2) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini (Avviż Legali 22 ta' l-1985), l-Avvizi legali 77 ta' l-1988 u 183 ta' l-1999 u r-regola 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi, l-artikoli 9, 10(1), 12, 20, 22A, 22(1)(a)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d), 22B, 22E, 26, 27, 28 u 30 tal-Ordinanża dwar il-Mediċina Perikoluża (Kapitolu 101) u l-artikoli 17, 20, 22, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Tikkundanna lil hatja Robert Cilia u Pauline Ruth Cilia ghal piena ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' sitt (6) snin flimkien ma' multa ta' tlieta u ghoxrin elf Euro (€23,000) kull wiehed u wahda minnhom, kif ukoll li

jhallasu bejniethom pis-somma ta’ hamest elef u hames mija u sitta u ghoxrin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€5,526.81) rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f’dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-hatja;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b’nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-Assistent Registratur u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta’ din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta’ tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti b’nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hatja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------